# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2010

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-ĦAMES KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

## (KARTA SPEĊJALI)

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## A. Silta għall-qari (18-il marka)

# Il-ġlied ta’ bejnietna



Min jirbaħ meta tiġġieled? Naħseb li f’qalbek qed tgħidli: Skont ma’ min tiġġieled!

Jekk niġġieled m’oħti ż-żgħira, normalment nirbaħ jien, imma jekk niġġieled ma’ ħija l-kbir, aktarx li nitlef. Meta xi ħadd jirrispondini hekk, taf x’ngħidlu: Qatt ma jirbaħ ħadd u dejjem titilfu t-tnejn!

Għaliex? Għaliex meta niġġieldu nitilfu, almenu għal ftit, il-ħbiberija ta’ bejnietna. U dik tiswa ħafna. X’inhu l-aħjar? Tirbaħ il-ġlieda jew tibqa’ ħabib? Naħseb li tibqa’ ħabib. Int żgur taħsibha bħali.

Inħossok tistaqsini: Allura dejjem inċedi jien? Inħallihom jagħmlu li jridu bija? Ma nitkellimx? Ma niddefendix ruħi?

Ma naħsibx li rrid ngħidlek hekk. Jekk inkunu għaqlin, meta ma naqblux fuq xi ħaġa, nirraġunaw bil-kwiet, ngħidu l-ideat u x-xewqat tagħna.

Imbagħad dejjem nistgħu nitolbu l-parir u l-għajnuna ta’ nies kbar li jħobbuna. (addattament minn kitba li dehret f’ *Tagħna t-Tfal* ta’ April 2008)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tirriga sinjal taħtha: (6 marki)

i. Tiġġieled u (tirbaħ, ma jirbaħ ħadd, titlef).

ii. Meta tiġġieled titlef (il-flus, in-nuċċali, il-ħbiberija).

iii. L-aħjar li tibqa’ (rebbieħ, ħabib, tellief).

2. Sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6 marki)

i. Mhux sew li dejjem i___________ jien.

ii. Għandi d-dritt li n_____________ ruħi.

iii. Nistgħu nitolbu l-p______ ta' nies kbar.

3. Kompli biex tikteb sentenza. (6 marki)

i. Meta ma naqbilx ________________________________
______________________________________________.

ii. Min tassew iħobbna jista' _________________________
______________________________________________.

## B. Lingwa (28 marka)

1. Qiegħed dawn in-nomi fil-kaxxa t-tajba bħal fl-eżempju: (6 marki)

nuċċali, Pawlu, kompjuter, Sqallija, pitazzi,
Ħal Balzan, Anna, *mobile*

| (A) Ismijiet | (B) Oġġetti |
|---|---|
| Pawlu | nuċċali |
| | |
| | |
| | |

2. Sib il-kelma t-tajba mill-kaxxa bħal fl-eżempju :   (6 marki)

i. Jisimha (l-isem tagħha) Sarah. 

ii. (Ix-xofftejn tagħhom)  _____________ ħomor nar.

iii. Lagħab u spiċċa b'_________ (is-sieq tiegħu) fil-ġibs. 

iv. Poġġejt il-basket __________ (wara l-kotba). 

v. (Fil-lanċa)  _____ kien hemm il-klandestini.

vi. Dak il-flokk _________ (ta' + jien) u l-malja ________ (ta' oħti). 

| warajhom, tiegħi, Xofftejhom, **Jisimha**, tagħha, siequ, Fiha |
|---|

3. Agħżel mill-kaxxa l-verb li jaqbel mal-għerq fil-parentesi bħal fl-eżempju. (8 marki)

i. Paul żifen (ż-f-n) mal-ħoss tal-mużika *rap*. 

ii. Victoria __________ (ċ-m-p-l) lil seħbitha Amy. 

iii. Iz-ziju beda __________ (ż-b-għ) id-dar. 

iv. Kurt __________ (għ-t-s) minħabba t-trab fl-arja. 

v. ___________ (x-r-b) l-ilma għax dak żgur bla zokkor! 

| jiżbogħ, għatas, **żifen**, ċemplet, Nixrob |
|---|

4. Imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa bħal fl-eżempju: (8 marki)

i. Daħlet <u>ġewwa</u> biex tixrob. 

ii. Itla’ ________ malajr. 

iii. Oħroġ ________ qalb il-fjuri. 

iv. ________ tiekol għid it-talba. 

v. ________ d-daħk jiġi l-biki! 

| Wara, barra, **ġewwa**, fuq, Qabel |
|---|

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Irranġa dawn is-sentenzi wara xulxin biex tikteb rapport f’gazzetta. L-ewwel sentenza hi lesta:

**Aktar qtates ivvelenati**

| | |
|---|---|
| Dwar dan il-qtil ta’ qtates sar rapport lill-Pulizija. | |
| Għalhekk residenti fl-inħawi qed isostnu li dawn il-qtates inqatlu avvelenati wara li ngħataw xi ikel b’sustanzi tossiċi. | |
| Il-qtil ta’ dawn il-qtates b’dan il-mod hu kontra l-liġi. | |
| F’dawn l-aħħar jiem, fi Triq il-Kbira Birkirkara, instabu numru ta’ qtates maqtula fit-triq. | **1** |
| Il-ġimgħa li għaddiet kien irrappurtat każ simili fl-inħawi ta’ San Pawl tat-Targa. | |
| Fuq dawn il-qtates ma kinux jidhru sinjali ċari ta’ vjolenza esterna. | |
| Sar rapport ieħor lis-Soċjetà għall-Prevenzjoni tal-Moħqrija lill-Annimali. | |

# D. Letteratura (12-il marka)

## i. Proża



### Gerit u Ċikka

Gerit kellha għadu. L-għadu kien mara bħalha, qaddejja bħalha, u għajjura bħalha. Dil-ħalja kienet Ċikka.

Ċikka u Gerit qatt ma ħamlu lil xulxin. Gerit kienet tgħid li Ċikka tgħir għaliha, u Ċikka kienet tgħid li Gerit kienet l-għajjura.

Iż-żmien tal-ġlied kien jibda mill-ewwel tas-sena u jibqa' sejjer sal-aħħar tagħha. Kien jibda bħal xi taqliba xitwija fl-ajru; beraq ileħħ fil-bogħod, beraq ileħħ aktar fil-qrib u ta' sikwit, tkarwit ta' ragħad mitfi, ragħad aktar qawwi, sajjetti, xita bil-qliel u rwiefen. (addattament minn **Il-Ġlieda** ta' W. Born)

Agħżel l-aħjar tweġiba billi tirriga sinjal taħtha: (6 marki)

(a) Min kienu Gerit u Ċikka?

(i) Gerit u Ċikka kienu ħbieb kbar.
(ii) Gerit u Ċikka kienu għedewwa.

(b) Għaliex dawn in-nisa qatt ma ħamlu lil xulxin?

(i) Għax kienu jgħiru għal xulxin.
(ii) Għax waħda kienet fqira u l-oħra sinjura.

(ċ) Kif kien jibda l-ġlied ta' bejniethom?

(i) Il-ġlied kien jibda malajr.
(ii) Il-ġlied kien jibda bil-mod il-mod.

## ii. Poeżija

U l-Kotra qamet f'daqqa – u għajtet: "Jien Maltija!"
"Miskin min ikasbarni, - miskin min jidħak bija!"

U l-Kotra għanniet f'daqqa – u semmgħet ma' l-irjieħ
L-Innu ta' Malta tagħna, - u l-leħen kien rebbieħ

(2 strofi mill-poeżija **Jum ir-Rebħ** ta' Rużar Briffa)

Agħżel il-kelma t-tajba billi tirriga sinjal taħtha: (6 marki)

(a) Il-kotra qamet ħalli (tipprotesta, ċċapċap, tibki).
(b) Riedet issemma' l-innu (Marjan, tal-festa, Malti).
(ċ) B'hekk il-Maltin kienu (beżżiegħa, patrijotti, telliefa).

# E. Kitba ta' Sentenzi / Paragrafi (30 marka)

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli t-tagħrif dwar il-ħolqien tal-kompost. (10 marki)

| | |
|---|---|
| Meta nagħmlu dan il-kompost inkunu qed nitfgħu l-materjal organiku lura fil-ħamrija. | |
| Illum iddeċidejt li nibda nagħmel il-kompost fil-ġnien tad-dar. | **1** |
| Meta nagħmlu l-kompost fil-ġnien tad-dar inkunu qegħdin nagħtu sehemna sabiex ikollna ambjent aħjar. | |
| Il-materjal organiku nistgħu nagħmluh mill-iskart li noħolqu fil-kċina, bħal qxur tal-frott u tal-ħaxix, *teabags* u qxur tal-bajd. | |
| X'inhu l-kompost? Il-kompost hu dak il-materjal skur li nżidu mal-ħamrija biex din tiġi aktar fertili. | |
| Huwa importanti li ma nitfgħux ikel imsajjar, għadam u ħmieġ tal-annimali. Dawn jattiraw il-ġrieden u n-nemus! | |

**U**

2. Ikteb **250** kelma dwar **wieħed** minn dawn: (20 marka)

   i. Kamarti
   ii. Il-kompjuter.